KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 27**

**It-Tnejn 20 ta' Lulju 2026**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dale Hayman – Sindku
Len Abela Vassallo – Viċi Sindku
Simon Fenech – Kunsillier
Antoine Vella – Kunsillier
Anton Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Shawn Tanti – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 27.1 Qari tal-Apoloġiji

27.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apologija.

### 27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

27.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa numru 26 li kienu meqjusa moqrija.

27.2.2 Il-Kunsillier Vella nnota li kien hemm bidla żgħira, peress li l-pagamenti relatati mal-Military Mtarfa ma kinux ġew approvati, minħabba li ma kienx ġie ppreżentat rendikont sħiħ tal-attività. Għalhekk, dawn il-pagamenti tħallew pendenti sakemm jiġi sottomess ir-rendikont meħtieġ.

Il-minuti tas-seduti ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 27.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġew sottomessi tliet applikazzjonijiet għall-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv (SE) fi ħdan il-Kunsill Lokali. Huwa nnota li l-intervisti mal-kandidati huma skedati li jsiru fit-30 ta' Lulju 2026.

### 27.4 Progetti

27.4.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li, fir-rigward tal-Ġnien 27 ta' April, il-Kunsill qiegħed f'diskussjonijiet ma' Project Green sabiex ma jiġux installati bandli fis-sit. Wara dan, se tiġi organizzata laqgħa mar-residenti tal-akwata sabiex jiġu diskussi l-pjani u jinġabru l-fehmiet tagħhom.

Fir-rigward tal-Ġnien iż-Żgħożija, biswit Depiro, u ż-żona tal-ex Barracks, is-Sindku spjega li x-xogħlijiet minn Project Green għadhom għaddejjin. Huwa informa wkoll li, matul l-implimentazzjoni tagħhom, xi residenti tal-madwar mistennija jiġu affettwati temporanjament.

Is-Sindku informa wkoll li nħareġ it-tender għax-xogħlijiet tad-dawl fi Pjazza Temi Zammit. Dan bħalissa jinsab fil-proċess tal-evalwazzjoni u, ladarba jitlesta dan il-proċess, ser jiġi aġġudikat skont il-proċeduri stabbiliti.

### 27.5 Gnien is-Sinjura

27.5.1 Is-Sindku qara l-korrispondenza elettronika kollha skambjata bejn il-Kunsill u l-Awtorità tad-Djar. Huwa spjega li l-Kunsill huwa meħtieġ iħawwel hedge sabiex dan iservi bħala schermatura naturali u jtejjeb id-dehra estetika tas-sit

## 27.6 Kumpens

27.6.1 Is-Sindku qara t-talba li waslet għand il-Kunsill mingħand il-persuna kkonċernata, li kienet relatata ma' inċident ta' waqgħa. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jitlob il-parir legali tal-Avukat tal-Kunsill qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni oħra, u li l-passi ulterjuri jittieħdu skont il-parir li jingħata.

## 27.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

27.7.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 27/2026), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Vella propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Fenech issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 27.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

27.8.1 Il-laqgħa ntemmet fid-7:30pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 10 ta' Awwissu 2026 fis 18.15.

| | |
|---|---|
| Dale Hayman<br>Sindku | Shawn Tanti<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |